(13) Fl-eventwalità li l-applikant jipprovdi biżżejjed evidenza li turi li huwa jopera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, jiġifieri li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-valur normali se jkun iddeterminat skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, għandhom jintbagħtu talbiet sostanzjati kif xieraq fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni se tibgħat formoli għat-talbiet lill-applikant, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Din il-formula għat-talbiet tista' tintuża mill-applikant biex jitlob trattament individwali, jiġifieri li dan jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(d) *Għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq*

(14) Fl-eventwalità li l-applikant ma jingħatax trattament ta' ekonomija tas-suq iżda jissodisfa r-rekwiżiti li jkollu dazju individwali stabbilit skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, jintuża pajjiż addattat b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni beħsiebha terġa' tuża lill-Istati Uniti tal-Amerika għal dan il-għan kif kien sar fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar kemm din l-għażla hija xierqa, fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

(15) Barra minn hekk, f'każ li l-applikant jingħata trattament ta' ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni tista', jekk ikun meħtieġ, tuża wkoll sejbiet li jikkonċernaw il-valur normali stabbilit f'pajjiż addattat b'ekonomija tas-suq, eż. għall-fini li jitbiddel kwalunkwe element ta' spiża jew prezz mhux affidabbli fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit il-valur normali, jekk ma tkunx disponibbli d-dejta affidabbli meħtieġa fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-Kummissjoni beħsiebha tuża lill-Istati Uniti tal-Amerika għal dan il-għan ukoll.

## F. REVOKA TAD-DAZJU FIS-SEĦĦ U REĠISTRAZZJONI TA' IMPORTAZZJONIJIET

(16) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping fis-seħħ għandu jiġi revokat fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li huma mmanifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant. Fl-istess ħin, dawn l-importazzjonijiet għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, biex jiġi żgurat li, jekk ir-riżultat tar-reviżjoni juri sejba ta' dumping fir-rigward tal-applikant, id-dazji anti-dumping jistgħu jiġu imposti retroattivament mid-data tal-bidu ta' din ir-reviżjoni. L-ammont li l-applikant jista' jkun responsabbli għalih fil-ġejjieni ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-proċediment.

## G. LIMITI TA' ŻMIEN

(17) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jikkummentaw dwar l-adegwadezza tal-Istati Uniti tal-Amerika li, f'każ li l-applikant ma jingħatax status ta' ekonomija tas-suq, jitqiesu bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq bl-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina,

— l-applikant jista' jressaq talba sostanzjata kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq.

## H. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

(18) F'każijiet fejn xi parti interessata tiċħad l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fiż-żmien preskritt, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.

(19) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif jitwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

I. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(20) Jekk jogħġbok kun af li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [1].

J. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(21) Jekk jogħġbok kun af li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. Dan jaġixxi bħala medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li joffri, fejn ikun meħtieġ, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni taż-żmien preskritt u t-trattament tas-sottomissjoni tal-opinjonijiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (http://ec.europa.eu/trade),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan qed titnieda reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1659/2005 skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 sabiex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt l-importazzjonijiet ta' briks tal-manjeżja magħquda kimikament u mhux ittrattati bin-nar, li l-komponent tagħhom tal-manjeżja fih mill-inqas 80 % MgO, kemm jekk fihom il-magnesite u kemm jekk le, li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 6815 91 00, ex 6815 99 10 u ex 6815 99 90 (il-kodiċi TARIC 6815 91 00 10, 6815 99 10 20 u 6815 99 90 20) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, immanifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni minn TRL China Ltd (kodiċi addizzjonali TARIC A985) għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1659/2005.

*Artikolu 2*

Id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1659/2005 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

1. Sabiex jitqiesu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom matul l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw irwieħhom lill-Kumissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa (8)(a) ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħrif ieħor, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, fi żmien 37 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 37 jum.

2. Il-partijiet involuti fl-investigazzjoni li jridu jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Istati Uniti tal-Amerika li huma previsti bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq bl-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom iressqu l-kummenti tagħhom fi żmien 10 ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Talba ssostanzjata kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq għandha tasal għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull sottomissjoni bil-miktub, li tinkludi l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "Limitati" [2] u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 1225/2009, għandha tkun akkumpanjata b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati".

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[2] Dan ifisser li d-dokument huwa għal użu intern biss. Dan huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Il-Ftehim Anti-dumping).

Kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għal seduta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 4/92
B-1049 Brussels
BELGIUM

Fax +32 22956505

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 851/2010

## tas-27 ta' Settembru 2010

## li jemenda għall-136 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-*network* ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5) ([2]) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fid-9 ta' Settembru 2010 il-Kumitat ta' Sanzjonijiet tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda d-dejta ta' identifikazzjoni li tikkonċerna erba' persuni fiżiċi mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

(3) L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru No 881/2002 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Karel KOVANDA
*Aġent Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
([2]) L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata "Youssef Ben Abdul Baki Ben Youcef **Abdaoui** (magħruf ukoll bħala (a) Abu Abdullah, (b) Abdellah, (c) Abdullah). Indirizz: (a) via Romagnosi 6, Varese, l-Italja, (b) Piazza Giovane Italia 2, Varese, l-Italja. Data ta' twelid: (a) 4.6.1966, (b) 4.9.1966. Post ta' twelid: Kairouan, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: G025057 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-23.6.1999, li skada fil-5.2.2004). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BDA YSF 66P04 Z352Q, (b) F'Jannar 2003 ikkundannat fl-Italja għal sentejn u 6 xhur ħabs. Fis-17 ta' Mejju 2004 il-Qort tal-Appell Taljana kkanċellat is-sentenza u ordnat proċess ġdid." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Youssef Ben Abdul Baki Ben Youcef **Abdaoui** (magħruf ukoll bħala (a) Abu Abdullah, (b) Abdellah, (c) Abdullah, (d) Abou Abdullah, (e) Abdullah Youssef). Indirizz: (a) via Romagnosi 6, Varese, l-Italja; (b) Piazza Giovane Italia 2, Varese, l-Italja; (c) Via Torino 8/B, Cassano Magnago (VA), l-Italja; (d) Jabal Al-Rayhan, Al-Waslatiyyah, Kairouan, it-Tuneżija. Data ta' twelid: 4.9.1966. Post ta' twelid: Kairouan, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: G025057 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-23.6.1999, li skada fil-5.2.2004). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BDA YSF 66P04 Z352Q; (b) Inamissibbli fiż-żona ta' Schengen; (c) Kien residenti fl-Italja minn Ġunju 2009; (d) Isem ommu: Fatima Abdaoui. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.6.2003"

(2) L-entrata "Mohamed Ben Mohamed Ben Khalifa **Abdelhedi**. Indirizz: via Catalani 1, Varese, l-Italja. Data ta' twelid: 10.8.1965. Post ta' twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L965734 (Passaport Tuneżin maħruġ fis-6.2.1999, li skada fil-5.2.2004). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BDL MMD 65M10 Z352S, (b) Ikkundannat fit-3.12.2004 mill-Qorti tal-Prim' Istanza ta' Milan għal 4 snin u 8 xhur ħabs. Fid-29.9.2005, il-Qorti tal-Appell ta' Milan naqset it-terminu tiegħu għal 3 snin u 4 xhur. Id-deċiżjoni kienet ikkonfermata mill-Qorti ta' Kassazzjoni fl-10.11.2006. Hu kien il-ħabs jew taħt miżuri alternattivi mill-24.6.2003 sas-6.5.2005. Hu huwa soġġett għal digriet ta' espulsjoni mit-territorju Taljan." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Mohamed Ben Mohamed Ben Khalifa **Abdelhedi** (magħruf ukoll bħala Mohamed Ben Mohamed **Abdelhedi**). Indirizz: (a) Via Galileo Ferraries 64, Varese, l-Italja; (b) 261 Kramdah Road (km 2), Sfax, it-Tuneżija. Data ta' twelid: 10.8.1965. Post ta' twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L965734 (Passaport Tuneżin maħruġ fis-6.2.1999, li skada fil-5.2.2004). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BDL MMD 65M10 Z352S, (b) Isem ommu: Shadhliah Ben Amir; (c) Kien residenti fl-Italja minn Awwissu 2009; Data tan-nomina imsemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.6.2004."

(3) L-entrata "Chabaane Ben Mohamed Ben Mohamed **Al-Trabelsi**. Indirizz: via Cuasso 2, Porto Ceresio (Varese), l-Italja. Data ta' twelid: 1.5.1966. Post ta' twelid: Rainneen, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L945660 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-4.12.1998, li skada fit-3.12.2001). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: TRB CBN 66E01Z352O, (b) meħlus fit-3.12.2004 mill-Qorti ta' Prim' Istanza ta' Milan. Il-Proċess ta' appell kien pendenti fil-Qorti tal-Appell ta' Milan minn Settembru 2007." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Chabaane Ben Mohamed Ben Mohamed **Al-Trabelsi** (magħruf ukoll bħala Chabaane Ben Mohamed **Trabelsi**). Indirizz: Via Salvo D'Acquisto 2, Varese, l-Italja. Data ta' twelid: 1.5.1966. Post ta' twelid: Menzel Temime, Nabeul, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L945660 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-4.12.1998, li skada fit-3.12.2001). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: TRB CBN 66E01 Z352O, (b) Kien residenti fl-Italja minn Diċembru 2009. Data tan-nomina imsemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.6.2004."

(4) L-entrata "Kamal Ben Mohamed Ben Ahmed **Darraji** (magħruf ukoll bħala Kamel **Darraji**). Indirizz: via Belotti 16, Busto Arsizio (Varese), l-Italja. Data ta' twelid: 22.7.1967. Post ta' twelid: Menzel Bouzelfa, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L029899 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.8.1995, li skada fit-13.8.2000). Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: (a) DDR KML 67L22 Z352Q (Kodiċi fiskali Taljan), (b) DRR KLB 67L22 Z352S (Kodiċi fiskali Taljan). Tagħrif ieħor: (a) Hu kien il-ħabs jew taħt miżuri alternattivi ta' kustodja mill-24.6.2003 sas-17.11.2006; (b) Hu huwa soġġett għal digriet ta' espulsjoni mit-territorju Taljan. Data tan-nomina imsemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.6.2004." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Kamal Ben Mohamed Ben Ahmed **Darraji** (magħruf ukoll bħala Kamel Darraji). Indirizz: Via Varzi 14/A - Busto Arsizio, Varese, l-Italja. Data ta' twelid: 22.7.1967. Post ta' twelid: Menzel Bouzelfa, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Numru tal-Passaport: L029899 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.8.1995, li skada fit-13.8.2000). Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: (i) DDR KML 67L22 Z352Q, (ii) DRR KLB 67L22 Z352S, (b) Kien residenti fl-Italja minn Diċembru 2009. Data tan-nomina imsemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.6.2004."

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 852/2010**

**tas-27 ta' Settembru 2010**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 84,4 |
| | MK | 54,2 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 62,9 |
| 0707 00 05 | TR | 127,9 |
| | ZZ | 127,9 |
| 0709 90 70 | TR | 116,1 |
| | ZZ | 116,1 |
| 0805 50 10 | AR | 99,0 |
| | CL | 128,9 |
| | EG | 66,3 |
| | IL | 126,1 |
| | MA | 157,0 |
| | TR | 107,3 |
| | UY | 124,6 |
| | ZA | 107,2 |
| | ZZ | 114,6 |
| 0806 10 10 | TR | 121,0 |
| | ZA | 56,2 |
| | ZZ | 88,6 |
| 0808 10 80 | AR | 68,9 |
| | AU | 217,4 |
| | BR | 61,0 |
| | CL | 94,5 |
| | CN | 82,6 |
| | NZ | 91,0 |
| | US | 87,8 |
| | ZA | 98,0 |
| | ZZ | 100,2 |
| 0808 20 50 | CN | 100,7 |
| | ZA | 87,4 |
| | ZZ | 94,1 |
| 0809 30 | TR | 149,8 |
| | ZZ | 149,8 |
| 0809 40 05 | BA | 53,5 |
| | MK | 45,0 |
| | ZZ | 49,3 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 853/2010

## tas-27 ta' Settembru 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 819/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 245, 17.9.2010, p. 31.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-28 ta' Settembru 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 56,73 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 56,73 | 0,00 |
| 1701 12 10 (1) | 56,73 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 56,73 | 0,00 |
| 1701 91 00 (2) | 47,26 | 3,29 |
| 1701 99 10 (2) | 47,26 | 0,16 |
| 1701 99 90 (2) | 47,26 | 0,16 |
| 1702 90 95 (3) | 0,47 | 0,23 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 854/2010**

**tas-27 ta' Settembru 2010**

**li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS") ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jamministra ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009, jaqbżu l-kwantità disponibbli skont is-serje li ġġib in-numru 09.4320.

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokazzjoni għal-liċenzji li għandhom jinħarġu fir-rigward tas-serje li ġġib in-numru 09.4320 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dak in-numru tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2010/11.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

*ANNESS*

**"Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL"**

**Is-sena tas-suq 2010/2011**

**Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

| In-numru tas-serje | Il-pajjiż | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | — | |
| 09.4318 | Il-Brażil | — | |
| 09.4319 | Kuba | — | |
| 09.4320 | Kwalunkwe pajjiż terz | 5,0039 | Sospiżi |
| 09.4321 | L-Indja | — | |

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

**"Iz-zokkor mill-Balkani"**

**Is-sena tas-suq 2010/2011**

**Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

| In-numru tas-serje | Il-pajjiż | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | — | |
| 09.4325 | Il-Bożnija u Ħerzegovina | [1] | |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo (*) | [1] | |
| 09.4327 | L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | — | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | [1] | |

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(*) Il-Kosovo taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

[1] Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.

**"Iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali"**

**Is-sena tas-suq 2010/2011**

**Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

| In-numru tas-serje | It-tip | Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal) | Iktar applikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | Eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | — | |

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/573/PESK

### tas-27 ta' Settembru 2010

### li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ([1]). Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/105/PESK ([2]), dawk il-miżuri restrittivi kienu estiżi sas-27 ta' Frar 2011 iżda l-applikazzjoni tagħhom kienet sospiża sat-30 ta' Settembru 2010.

(2) Abbażi ta' eżami mill-ġdid tal-Pożizzjoni Komuni 2008/160/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sat-30 ta' Settembru 2011.

(3) Madankollu, sabiex jitħeġġeġ il-progress fil-kisba ta' ftehim politiku għall-konflitt Transnistrijan, fl-indirizzar tal-problemi pendenti tal-iskejjel li jgħallmu bil-kitba Latina u fir-restawr tal-libertà ta' moviment tal-persuni, il-miżuri restrittivi għandhom ikunu sospiżi sal-31 ta' Marzu 2011. Fi tmiem dak il-perijodu, il-Kunsill għandu jirrevedi l-miżuri restrittivi fid-dawl tal-iżviluppi, b'mod partikolari fl-oqsma msemmija hawn fuq. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japplika mill-ġdid jew ineħħi r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fi kwalunkwe ħin.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-transitu fit-territorji tagħhom tal-persuni li huma responsabbli:

(i) għall-prevenzjoni tal-progress lejn il-wasla għal soluzzjoni politika tal-konflitt Transnistrijan fir-Repubblika tal-Moldova, kif elenkat fl-Anness I;

(ii) għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja ta' intimidazzjoni u għeluq kontra l-iskejjel Moldavi li jħaddnu l-alfabet Ruman fir-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika Moldava, kif elenkati fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 mhux ser jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

3. Il-Paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru huwa marbut b'obbligu taliġi internazzjonali, jiġifieri:

(i) bħala pajjiż ospitanti għal organizzjoni internazzjonali intergovernattiva;

(ii) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali mlaqqa' minn, jew taħt l-awspiċju tan-Nazzjonijiet Uniti; jew

(iii) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet;

jew

(iv) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru ikun pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar huwa ġġustifikat fuq raġunijiet ta' ħtieġa urġenti umanitarja, jew fuq raġunijiet ta' attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova.

([1]) ĠU L 51, 26.2.2008, p. 23.
([2]) ĠU L 46, 23.2.2010, p. 3.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika bil-miktub lill-Kunsill. L-eżenzjoni għandha titqies bħala mogħtija dment li Membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma jqajjimx oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru tal-Kunsill wieħed jew aktar iqajjem oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew it-transitu, fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati fl-Anness I u II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u lill-persuni konċernati minnha.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jadotta modifiki għal-listi li jinsabu fl-Anness I u l-Anness II kif meħtieġ minn żviluppi politiċi fir-Repubblika tal-Moldova.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/105/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 4*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Settembru 2011. Hija għandha tkun riveduta kontinwament. Hija tista tiġi mġedda, jew emendata kif adegwat, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

3. Il-miżuri restrittivi previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu sospiżi sal-31 ta' Marzu 2011. Fi tmiem dak il-perijodu l-Kunsill għandu jirrevedi l-miżuri restrittivi.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

*ANNESS I*

**Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(i)**

1. SMIRNOV, Igor Nikolayevich, "President", imwieled fit-23 ta' Ottubru 1941 f'Khabarovsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru 50No0337530.
2. SMIRNOV, Vladimir Igorevich, iben in-Nru 1 u "President tal-Kumitat Doganali tal-Istat", imwieled fit-3 ta' April 1961 f'Kupiansk, Kharkovskaya oblast jew Novava Kakhovka, Khersonskaya oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru 50No00337016.
3. SMIRNOV, Oleg Igorevich, iben in-Nru 1 u "Konsulent tal-Kumitat Doganali Statali", "Membru tas-Sovjet Suprem", imwieled fit-8 ta' Awwissu 1967 f'Novaya Kakhovka, Khersonskaya oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru 60No190737.
4. LITSKAI, Valery Anatolyevich, dak li qabel kien "Ministru għall-Affarijiet Barranin", imwieled fit-13 ta' Frar 1949 fi Tver, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru 51No0076099, maħruġ fid-9 ta' Awwissu 2000.
5. KHAZHEYEV, Stanislav Galimovich, "Ministru tad-Difiża", imwieled fit-28 ta' Diċembru 1941 f'Chelyabinsk, il-Federazzjoni Russa.
6. ANTYUFEYEV, Vladimir Yuryevich, magħruf ukoll bħala SHEVTSOV, Vadim, "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat", imwieled fl-1951 f'Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu.
7. KOROLYOV, Alexandr Ivanovich, "Viċi-President", imwieled fl-24 ta Ottubru 1958 fi Wroclaw, il-Polonja, passaport Russu.
8. BALALA, Viktor Alekseyevich, dak li qabel kien "Ministru tal-Ġustizzj", imwieled fl-1961 f'Vinnitsa, l-Ukraina.
9. GUDYMO, Oleg Andreyevich, "Membru tas-Sovjet Suprem", "President tal-Kumitat dwar is-Sigurtà, id-Difiża u ż-Żamma tal-Paċi tas-Sovjet Suprem", dak li qabel kien "Viċi-Ministru għas-Sigurtà", imwieled fil-11 ta' Settembru 1944 f'Alma-Ata, il-Kazakistan, passaport Russu Nru 51No0592094.
10. KRASNOSELSKY, Vadim Nikolayevich, "Ministru tal-Affarijiet Interni", imwieled fl-14 ta' April 1970, Dauriya, Zabaykalskyi rayon, Chitinskaya oblast, il-Federazzjoni Russa.
11. ATAMANIUK, Vladimir, "Deputat Ministru tad-Difiża".

*ANNESS II*

**Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(ii)**

1. MAZUR, Igor Leonidovich, "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Dubossary Rayon", imwieled fid-29 ta' Jannar 1967 f'Dubossary, ir-Repubblika tal-Moldova.

2. PLATONOV, Yuri Mikhailovich, magħruf bħala Yury PLATONOV, "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat fi Rybnitsa Rayon u Rybnitsa City" imwieled fis-16 ta' Jannar 1948 fi Klimkovo, Poddorsky rayon, Novgorodskaya oblast, passaport Russu Nru 51No0527002, maħruġ milll-Ambaxxata Russa f'Chisinau fl-4 ta' Mejju 2001.

3. CHERBULENKO, Alla Viktorovna, "Deputat Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat ta' Rybnitsa", responsabbli għal affarijiet ta' edukazzjoni.

4. KOGUT, Vecheslav Vasyilevich, "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Bender", imwieled fis-16 ta' Frar 1950 f'Taraclia, Chadir-Lunga rayon, Repubblika tal-Moldova.

5. KOSTIRKO, Viktor Ivanovich, "Kap tal-Amministrazzjoni tal-Istat f'Tiraspol", imwieled fl-24 ta' Mejju 1948, Komsomolsk na Amure, Habarovsky kray, il-Federazzjoni Russa.

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Settembru 2010

## dwar l-amministrazzjoni ta' self ESFS lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

## *(BĊE/2010/15)*

(2010/574/UE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u partikolarment l-Artikoli 17 u 21 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 17 tal-Istatut tas-SEBĊ, sabiex imexxi l-operat tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' jiftaħ kontijiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu, entitajiet pubbliċi u parteċipanti oħra tas-suq.

(2) Skont l-Artikolu 21.1 u 21.2 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jista' jaġixxi bħala aġent fiskali għal istituzzjonijiet, entitajiet, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn, entitajiet oħrajn irregolati minn liġi pubblika, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri.

(3) Qed issir referenza għall-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja, kumpannija b'responsabbiltà limitata (EFSF), kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata mwaqqfa fil-Lussemburgu, u bl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bħala l-azzjonisti tagħha. Il-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF daħal fis-seħħ u sar jorbot fl-4 ta' Awwissu 2010.

(4) Skont il-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF u bi qbil mal-liġijiet lokali tal-ESFS, l-ESFS għandu jipprovdi finanzjament fil-forma ta' ftehim għall-faċilità ta' self (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim għall-Faċilità ta' Self") lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fejn dawn l-Istati Membri jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji u jkunu daħlu f'memorandum ta' ftehim mal-Kummissjoni Ewropea li jkun fih kundizzjonalità tal-politika.

(5) L-Artikolu 3(5) tal-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF jistipula illi l-iżburżar tas-self mogħti mill-EFSF lil Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jsir permezz tal-kontijiet tal-EFSF u tal-Istat Membru li jkun qed jissellef li jkunu nfetħu mal-BĊE għall-finijiet tal-Ftehim dwar il-Faċilità tas-Self. Skont l-Artikolu 12(2) tal-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF, l-EFSF jista' jqabbad lill-BĊE biex jagħmilhielu tal-aġent għall-ħlas u jista' jaħtar lill-BĊE sabiex iżommlu l-kontijiet tal-bank u tat-titoli tiegħu.

(6) Huwa meħtieġ li jiġu stabbility dispożizzjonijiet dwar il-kont tal-flus tal-EFSF li għandu jinfetaħ mal-BĊE għat-thaddim tal-Ftehim dwar il-Faċilità tas-Self,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Ftuħ ta' kont tal-flus**

Il-BĊE għandu, skont il-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF u b'konnessjoni mal-Ftehim dwar il-Faċilità tas-Self, jiftaħ kont tal-flus f'isem l-EFSF.

*Artikolu 2*

**Aċċettazzjoni tal-ħlasijiet fil-kont tal-flus**

Il-BĊE għandu jaċċetta biss ħlasijiet li għandhom isiru lil jew mill-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF, jekk dawk il-ħlasijiet isiru b'konnessjoni mal-Ftehim dwar il-Faċilità tas-Self.

*Artikolu 3*

**Aċċettazzjoni ta' istruzzjonijiet u ġestjoni tal-kont tal-flus**

Il-BĊE għandu, b'rabta mal-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF, jaċċetta u jaġixxi biss fuq l-istruzzjonijiet esklussivi jew tal-EFSF jew ta' kull aġent li l-EFSF jista' jaħtar taħt il-Ftehim dwar il-Qafas tal-EFSF sabiex jaġixxi f'ismu. Jekk jinħatar aġent u l-EFSF ikun talab lill-BĊE sabiex jaċċetta lil dan l-aġent, l-aġent għandu jaġixxi b'rabta mal-attivitajiet li ġejjin: (a) jagħti istruzzjoni marbutin mal-kont tal-flus f'isem l-EFSF, u (b) jiġġestixxi dan il-kont fuq bażi esklussiva u permanenti.

*Artikolu 4*

**Bilanċ tal-kont tal-flus**

M'għandu jkun hemm ebda ammont fil-kreditu tal-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF wara li jkunu saru ħlasijiet b'rabta ma Ftem għall-Faċilità tas-Self, u lanqas m'għandhom jiġu trasferiti ammonti li dan il-kont tal-flus qabel il-jum li fih il-ħlasijiet iridu jsiru b'rabta ma' xi Ftehim għall-Faċilità tas-Self. Fl-ebda ħin m'għandu jkun hemm ammont fid-debitu tal-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF. Għalhekk, ebda ħlasijiet m'għandhom isiru mill-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF minbarra l-ammonti li hemm fil-kreditu ta' dak il-kont.

*Artikolu 5*

**Remunerazzjoni**

Bla ħsara għall-Artikolu 4 hawn fuq, f'każ li xi ammonti jibqgħu bħala kreditu mil-lum għal għada fil-kont tal-flus miftuħ f'isem l-EFSF, il-BĊE għandu jħallas l-imgħax fuq dan il-bilanċ f'ammont ekwivalenti għar-rata applikabbli tal-faċilità tad-depożitu tal-BĊE fuq bażi attwali/360. Ammonti ta' imgħax imħallsin mill-BĊE lill-kont tal-flus m'għandhomx ikunu milqutin mill-Artikolu 2.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Settembru 2010.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2010 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN

**tas-16 ta' Settembru 2010**

**li temenda l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

(2010/575/UE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 ([1]) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), jippermetti, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, ir-rifużjoni tad-dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, jew l-eżenzjoni minnhom, sal-31 ta' Diċembru 2009.

(2) Biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-previdibbiltà ekonomika fit-tul u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet għall-Ftehim qablu li jestendu l-perijodu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim bi tliet snin, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

(3) Minbarra dan, ir-rati ta' ħlasijiet doganali attwalment applikabbli fil-Ġordan għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġu allineati ma' dawk li japplikaw fl-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Protokoll 3 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(5) Billi l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ma jibqax japplika wara l-31 ta' Diċembru 2009, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Minkejja l-paragrafu 1, il-Ġordan jista', ħlief għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, japplika arranġamenti għal rifużjoni ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli għal materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti oriġinarji, soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha tinżamm rata ta' 4 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 25 sa 49 u 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata akatr baxxa li tkun fis-seħħ fil-Ġordan;

(b) għandha tinżamm rata ta' 8 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata aktar baxxa li tkun fis-seħħ fil-Ġordan.

Dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2012 u jista' jiġi rivedut bi qbil komuni".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 209, 31.7.2006, p. 31.
([2]) ĠU L 283, 26.10.2005, p. 10.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT